

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti jinvokaw motiv wieħed, ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata hija nieqsa minn bażi legali u għaldaqstant tmur kontra l-Artikolu 1(2) tar-Regolament 2015/2272 u l-anness tiegħu.

Il-Kummissjoni bbażat id-deċiżjoni kkontestata fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' April 2016, ArcelorMittal Tubular Products Ostrava *et vs* Il-Kunsill u Hubei Xinyegang Steel (C-186/14 P u C-193/14 P, Ġabra, EU:C:2016:209), li tikkonferma s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Jannar 2014, Hubei Xinyegang Steel *vs* Il-Kunsill (T-528/09, Ġabra, EU:T:2014:35), li min-naħa tagħha kienet annullat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 926/2009 li jimponi dazju antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldatura, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina sa fejn huwa kien jimponi dazju antidumping fuq il-prodotti mmanifatturati minn Hubei Xinyegang Steel Co. Ltd. Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni wettqet żball billi estendiet l-annullament tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 926/2009 għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2272 peress li dan tal-aħħar ma kienx is-suġġett ta' tilwima li kienet tressqet quddiem il-qrati tal-Unjoni Għaldaqstant, il-Kummissjoni setgħet biss tadotta d-deċiżjoni kkontestata wara li jitħassar ir-Regolament (UE) 2015/2272.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Lulju 2016 – Brunner vs EUIPO – CBM (H HOLY HAFERL HAFERL SHOE COUTURE)

(Kawża T-367/16)

(2016/C 305/70)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Gerd Brunner (Moosthenning, il-Ġermanja) (rappreżentant: N. Maenz, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: CBM Creative Brands Marken GmbH (Zurich, l-Isvizzera)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrent

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-elementi verbali "H HOLY HAFERL HAFERL SHOE COUTURE" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 988 144

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Mejju 2016 fil-Każ R 2943/2014-5

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO dwar l-oppożizzjoni, mogħtija fl-10 ta' Mejju 2016 (Każ R 2943/2014-5)

- tiċħad l-oppożizzjoni tal-intervenjent, tat-12 ta' Novembru 2013, ibbażata fuq it-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 11 306 545 u t-trade mark Ġermaniża Nru 302 010 023 903 (Każ B002269325);
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Ġunju 2016 – Il-Litwanja vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-533/13) ⁽¹⁾**

(2016/C 305/71)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Il-President tar-Raba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 359, 7.12.2013.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Ġunju 2016 – Gain Capital UK vs EUIPO – Citigroup (CITY INDEX)**(Kawża T-269/14) ⁽¹⁾**

(2016/C 305/72)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 253, 4.8.2014.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ġunju 2016 – Swatch vs EUIPO – L'atelier Wysiwyg (wysiwatich WhatYouSeeIsTheWatchYouGet)**(Kawża T-83/15) ⁽¹⁾**

(2016/C 305/73)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C @@, @@.
